DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 260/2018

tal-5 ta' Diċembru 2018

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2021/1524]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2398 tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni relatata ma' applikazzjoni għal faċilità li tinsab f'pajjiż terz għall-inklużjoni fil-Lista Ewropea tal-faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 32fh (ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"32fha. **32015 D 2398**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2398 tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni relatata ma' applikazzjoni għal faċilità li tinsab f'pajjiż terz għall-inklużjoni fil-Lista Ewropea tal-faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 145).'

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2398 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 2018, dment li jkunu saru l-avviżi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 257/2019 tal-5 ta' Diċembru 2018 [2], skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

[1] ĠU L 332, 18.12.2015, p. 145.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

[2] ĠU L 337, 17.9.2021, p. 42

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Oda Helen SLETNES

Is-Segretarji
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Hege M. HOFF
Mikołaj KARŁOWSKI